**30 ta' Ġunju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law.)**

Il-Pulizija

*versus*

Sam Cutajar

**Raġunijiet Speċjali u Straordinarji - Żball Ġenwin**

*L-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali jagħti l-fakoltà lill-Qorti biex tagħti piena inqas mill-minimu stabbilit bil-liġi biss jekk il-Qorti ssemmi fis-sentenza xi raġunijiet straordinarji u speċjali.*

*Il-Qrati għandhom jaraw verament, permezz ta' provi ċari u inekwivoċi li min jallega żball ġenwin, tassew jippruvah qabel ma jiddeċidu li japplikaw l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. L-iskuża ta' żball ġenwin m'għandhiex tiġi aċċettata ċjekament u r-raġunijiet straordinarji u speċjali żgur jirrikjedu ferm aktar minn allegazzjoni ta' tali żball.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni kontra Sam Cutajar akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-15 ta' Lulju, 1996, bħala importatur/bejjiegħ/negozjant minn Joseph Brincat Limited ta' 59 Triq il-Kbira, tas-Sliema ħareġ jew ippermetta li jinħarġu *invoices/vouchers* fejn fuqhom indika sabiex SP Suncare Hair and Body Shampoo x 150ml, jinbiegħ lill-konsumatur bil-prezz ta' Lm2.24 minflok Lm1.30 prezz ogħla minn dak stabbilit/iffissat mid-Direttur tal-Kummerċ skond *costings* li jġib id-data ta' l-10 ta' Settembru,

1996;

Rat is-sentenza tat-18 ta' Marzu, 1997 li biha l-Ewwel Qorti sabitu ħati u kkundannatu għal ammonizzjoni u riprensjoni;

Rat in-nota ta' l-20 ta' Marzu, 1997 tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha għarraf li bi ħsiebu jappella dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Ġenerali appellant ta' l-1 ta' April, 1997 li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lil appellat ħati u tirrevokaha u tannullaha għal bqija dwar il-piena u minflok tagħti l-piena relattiva skond il-liġi;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti; semgħet it-trattazzjoni;

Illi l-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali jikkonsisti filli skond hu, l-Ewwel Qorti, nonostante li sabet lill-appellat ħati ta' l-akkuża miġjuba kontra tiegħu, ikkundannatu għall-ammonizzjoni u riprensjoni biss minkejja li skond ir-regolament 23(4) ta' l-Avviż Legali 21 ta' l-1972, il-multa kellha tkun ta' mhux inqas minn ħamsin lira (Lm50);

Illi jidher li l-motivazzjoni ta' l-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienet jew kellha tkun ispirata mid-disposizzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali li għalkemm tagħti l-fakoltà lill-Qorti li tinżel inqas mill-minimu tal-piena stabbilita bil-liġi, dan jista' u għandu jkun possibli biss jekk il-Qorti ssemmi fis-sentenza xi raġunijiet straordinarji u speċjali;

Illi, skond l-Ewwel Qorti, dak li ssodisfaha għaliex kellha

tapplika l-artikolu 21 tal-Kap. 9 u taghti piena li hi inqas minn dik stabbilita għal dan il-każ skond ir-Regolament 23 (4) ta' l-Avviż Legali ta' l-1972, kien li mill-provi kien irriżulta li l-appellat kien għamel żball ġenwin fil-fissazzjoni tal-prezz ta' l-oġġett in kwistjoni;

Illi sabiex jiġi applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9 dan l-istess artikolu jagħti l-fakoltà lill-Qorti biex tagħti piena *inqas mill-minimu* stabbilit bil-liġi biss jekk il-Qorti ssemmi fis-sentenza xi raġunijiet straordinarji u speċjali;

Illi ċertament, bniedem negozjant ta' esperjenza li għalih fissazzjoni ta' prezzijiet skond il-liġi huwa obbligu assolut u magħruf, diffiċli li jista' jiġi emmnut li kien ħa żball ġenwin. Ċertament li wieħed jieħu żball, anke jekk ġenwin, f'*ċirkostanzi* fejn għandek negozjanti ta' esperjenza, qatt ma jista' jaqa' taħt id-definizzjoni ta' raġunijiet straordinarji u speċjali ai termini ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9. Ma hemm *assolutament xejn* straordinarju u speċjali f'dan il-każ in partikolari li jikkwalifika lill-appellat għal riduzzjoni fil-piena;

Barra minn hekk, huwa evidenti li f'ħafna każijiet bħal dawn, l-imputati qed jallegaw din l-iskuża ta' żball ġenwin u din qed tidher ripetutament. Il-Qrati għandhom jaraw verament, permezz ta' provi ċari u inekwivoċi li min jallega żball ġenwin, tassew jippruvah, qabel ma jiddeċidu li japplikaw l-artikolu 21 tal-Kap. 9, u tali provi għandhom jirriżultaw mill-atti. Il-Qrati tagħna m'għandhomx jittrattaw u jaċċettaw *din l-iskuża ta' żball* ġenwin ċjekament u jgħaddu biex jiddeċidu b'mod hekk leġġer u sommarju. Ir-raġunijiet straordinarji u speċjali rikjesti fl-artikolu 21 tal-Kap. 9 żgur jirrikjedu *ferm aktar minn* allegazzjoni sempliċi ta' żball ġenwin. Wara kollox għandna niftakru li l-Qrati tagħna qegħdin hemm biex jagħmlu ġustizzja u fost il-funzjonijiet tagħhom, jipproteġu lis-soċjetà kontra *min*

b'għemilu qed jipprova jisraqha u jingannaha sabiex jagħmel profitt ta' flus minn fuq daharha aktar minn dak li tippermettilu l-liġi u anke jipprova jbella' lill-Qorti li dak li għamel kien biss żball ġenwin u skużabbli;

Għalhekk, għal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali appellant, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet ħtija fuq l-appellat, u tirrevokaha u tannullaha f'dik il-parti dwar il-piena u wara li rat l-artikolu 23 (4) privso ta' l-A.L. 21 ta' l-1972, b'sostituzzjoni tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-appellat għall-multa ta' Lm100 li jitħallsu fi żmien jumejn utili mil-lum, u fin-nuqqas jiġu kkonvertibbli f'għoxrin jum detenzjoni.